# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2489

**Kaz Numru 3085/CC** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Margaret Brincat**

**u**

**Effective Marketing Limited**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta**

**Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 5 ta' Lulju, 2017**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellanti Margaret Brincat fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar il-16 ta' Novembru, 2012, fejn sostniet li t-terminazzjoni ta' l-impieg taghha ma saritx ghal raguni tajba u suffcjenti skond il-ligi. Is-Socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li t-terminazzjoni mill-impieg saret minhabba li l-Appellanti ma osservatx it-termini tal-kuntratt tax-xoghol.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm tnejn u ghoxrin (22) seduta fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali ta' l-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif stabbilit mil-ligi minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi, n-numru mhux zghir ta' seduti u differimenti mitluba miz-zewg partijiet u bdil tac-Chairperson li kien qed jippresjedi dan it-Tribunal.

- **Rapprezentanza**

Margaret Brincat li minn issa l-quddiem ser tissejjah l-Appellanti kellha l-assistenza ta' Dr. Henry Antoncich.

Effective Marketing Limited li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta' ntimata kienet irraprezentata minn Jason Attard assistit minn Dr. Joseph A. Schembri.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellanti qabdet tahdem mas-Socjeta' ntimata bhala *Sales Manager* fis-17 t'Ottubru, 2011, fuq kuntratt definit ta' sena. Fejn skond il-kuntratt tax-xoghol apparti s-salarju, hija kienet intitolata ghall-kummissjoni fuq bejgh.

Nhar l-4 ta' Lulju, 2012, il-*Managing Director* kien ordna lill-Appellanti sabiex tohrog bil-*leave* sakemm tkun infurmatha mod iehor. Nhar is-17 ta' Lulju, 2012, l-Appellanti kienet irceviet korrispondenza minghand il-*Managing Director* tas-Socjeta' ntimata fejn gharrafha li '*on grounds of breach of contract attributable to you*', l-impjieg taghha kien qieghed jigi terminat b'mod immedjat.

Fl-istess korrispondenza l- *Managing Director* elenka numru ta' nuqqasijiet li allegatament wettqet l-Appellanti.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Jason Attard** xehed illi huwa l-*Managing Director* tas-Socjeta' ntimata, entita li giet stabbilita f'Marzu 2006 fejn tipprovdi servizzi ta' *publishing, marketing, marketing consultancy* u *editorial assistance.* Ix-xhud qal li l-Appellanti kienet giet impjegata bhala *Sales Manager* fuq kuntratt definit ta' sena. Beda billi qal li propju filghodu tat-28 ta' Jannar, 2013, meta kienu ipprezentaw ir-risposta lit-Tribunal huma kienu gew mgharrfa li hlas ta' €184.20 li kien dovut lilhom minghand Madliena Cottage kien sar lill-Appellanti f'Mejju 2012 u li din ma kienetx ghaddietu lill-kumpanija kif suppost.
Ix-xhud ghadda biex ta' rakkont dettaljat u estensiv hafna mifruxa fuq numru ta' seduti, ta' allegati nuqqasijiet li attribwijhom lill-Appellanti u li kienu jmorru kontra klawsoli tal-kuntratt tax-xoghol relatati ma' kif kellhom jigu kondotti d-doveri tal-Appellanti. Huwa pprezenta dokumenti relatati ma' din il-parti tax-xhieda. Ix-xhud spjega li minkejja li l-Appellanti kienet

ittrattata tajjeb mill-kumpanija, bl-agir generali taghha fil-qadi ta' dmieijietha ghamlet hafna hsara. Dwar dan huwa xehed fit-tul filwaqt li pprezenta volum mhux zghir ta'dokumenti relatati.
Ix-xhud qal li matul is-seba' xhur li l-Appellanti ghamlet impjegata mas-socjeta' ntimata huwa kien induna b'certi nuqqasijiet taghha fosthom li kienet taccessja l-*facebook* waqt il-hin tax-xoghol, pero' qatt ma kellimha, ghaliex beza li jekk titlaq qabel issir il-*publication* ta' *magazine* ewlieni, l-kumpanija kienet tirriskja l-klijenti li tkun gabet l-Appellanti stess. Ix-xhud qal li huwa ordna lill-Appellanti sabiex titlaq mix-xoghol immedjatament wara li saret il-*publication*. Huwa qal li qatt ma kien ta' *warning* minhabba dawn in-nuqqasijiet.
Ix-xhud spjega kif waqt li kienet qed issir *Data Monitoring Software* huwa ingieb konxju li l-Appellanti kienet qed tuza l-*Gmail* taghha u tidhol fuq *Facebook* waqt il-hin tax-xoghol u dan minn fuq il-*computer* tax-xoghol. Ix-xhud kompla li l-Appellanti kienet efficjenti fuq xogholha, pero' ma kienx fuq hekk li l-impjieg taghha kien gie mitmum, izda fuq ksur ta' klawsoli ohra tal-kuntratt tax-xoghol taghha.
Waqt il-kontro-ezami, ix-xhud spjega li nhar l-4 ta' Settembru, 2012, wara incident li sehh fuq ix-xoghol bejnu u bejn l-Appellanti fejn din ghajjtet mieghu u anke uzat diskors li waqqitu ghaz-zufjett quddiem in-nies, huwa kien baghtilha *SMS* fejn infurmaha li hija kienet ser tkun fuq *leave* u ma kellhiex tirraporta ghax-xoghol sakemm tircievi avviz iehor. Huwa qal li l-komportament taghha kien agir inaccettabbli u ksur tal-kuntratt tax-xoghol. Huwa cahad li dakinhar huwa ma halliex lill-Appellanti tmur ghall-appuntament ghand id-dentist. Ix-xhud qal li huwa kien baghtilha l-ittra tat-terminazzjoni, tlettax il-gurnata wara dan l-incident u dan sabiex tilhaq tohrog il-pubblikazzjoni, li fil-fatt saret xi ftit tal-granet qabel is-17 ta' Settembru, 2012, id-data tat-terminazzjoni ta' l-impjieg taghha.
Ix-xhud ikkonferma li dakinhar tal-4 ta' Settembru, l-appellanti kienet baghtitlu *SMS* sabiex itiha r-ragunijiet ghaliex kien baghta bil-*leave*. Huwa qal li kien irrispondiha xi granet wara.
Ix-xhud irrijafferma li r-raguni tat-tmiem ta' l-impjieg ta' l-Appellanti ma kienetx minhabba xi inefficenzi f'xoghlha izda minhabba l-atteggament taghha lejh.
Ix-xhud ipprezenta wkoll affidavit fejn iribatta diversi punti kif mistqarra fid-dikjarazzjoni tal-kaz kif imressaq mill-Appellanti.

**Tancred Manfre'** xehed li huwa kien ingaggat kemm bhala *free-lancer* u xi drabi bhala impjegat mas-Socjeta' ntimata fl-2011 u fl-2012, u dan bhala

Kontrollur tal-Finanzi. Ix-xhud qal li huwa jaf lill-Appellanti fl-impieg taghha mas-Socjeta' u dan fil-kariga taghha bhala *Sales Manager.* Spjega li parti mix-xoghol ta' l-Appellanti kien li hija tigbor 20% depozitu ta' kull kuntratt, fejn l-ammont kellu jigi mghoddi lill-kumpanija fi zmien jumejn.
Minn dan l-ammont l-appellanti kellha tithallas *commission* ta' 20%. Jekk dan id-depozitu ma kienx jingabar, l-Appellanti kienet tiehu dak dovut lilha appena jsir il-hlas shih mill-klijent. F'dan il-kuntest ix-xhud qal li ma jafx li Jason Attard f'xi mument kien waqqaf lill-Appellanti milli tkompli tigbor din it-20% *commission.* Ix-xhud wara ghadda sabiex ta' dettalji ta' kaz li kien jinvolvi l-Madliena Cottage fejn kien indikat li kien baqa' bilanc li kellu jithallas ta' €184.20, izda irrizulta li dan il-hlas kien sar u l-flus qatt ma dahlu ghand il-kumpanija. Ix-xhud iddeskriva lil Jason Attard bhala persuna tollerabbli. Qal li gieli kellu argumenti mieghu fuq ix-xoghol pero' ma kienux ikunu gravi. Qal li ma jafx li Jason kien jihhakkja l-kompjuters ta' l-impjegati jew ibghabas is-server tal-kompjuter. Ix-xhud stqarr li ma jafx li l-Appellanti kien ghad baqghalha tiehu xi *commission.*
Ix-xhud qal li jiftakar li kien kellmu xi hadd mid-DIER dwar xi hlasijiet dovuti lill-Appellanti, fejn huwa qal li wara li ssetiljaw kollox dan kien gharrfu li min-naha tad-DIER '*... you're clear'*. Ix-xhud cahad li huwa kien staqsa lill-Appellanti kemm kienet hadet granet *leave,* ghaliex kien qed jithejja xi pjan sabiex din titkecca. Anzi, kompla x-xhud, hu xtaq li din tibqa' fl-impjieg ghaliex hija mpjegata tajba. Ix-xhud tenna li din l-informazzjoni talabha anke lill-impjegati ohra u dan bil-ghan li l-kumpanija jkollha '*records*' tajbin.

**Marian Poucher** xehdet li hija ilha mpjegata mas-Socjeta' ntimata sa minn Apri 2012 u dan bhala *sales advertising* ghal magazin Mature. Qalet li hija taf lill-Apellanti ghaliex kienet taghmel xoghol ghall-Executive Magazine. Ix-xhud qalet li l-Appellanti kienet qaltilha li ahjar tfittex xoghol iehor ghaliex il-kumpanija kienet vicin li taghlaq. Qalet li kienet spiss tinnota argumenti bejn l-Appellanti u l-*employer*, pero' ma tafx fuq xhiex, fejn xi drabi telqet mill-ufficcju ghaliex ma kienitx thossha komda. Qalet li meta l-Appellanti u Martin Vella kienu ghadhom jahdmu mas-socjeta' l-atmosfera ma tantx kienet sabiha, pero' meta telqu l-ambjent tjieb. Ix-xhud qalet li kienet tinnota li meta l-Appellanti kienet titlaq mix-xoghol kienet iggorr kollox maghha inkluz il-*laptop, files*, etc.

Ix-xhud stqarret li ma tafx li Jason kien jihhakkja l-*computers.* Ix-xhud qalet li tiftakar li darba kien inqala' argument bejn l-Appellanti u l-*employer* dwar

xi karti illi hija allegatament ghaddiet lil Martin Vella li kien qieghed jistenniha isfel.

**Tonio Farrugia** xehed li huwa kien hadem mas-Socjeta' ntimata bejn Dicembru 2012 sa Jannar 2014, u dan fil-kariga ta *Chief Operation Manager*. Qal li huwa kien jaf lill-Appellanti mix-xoghol li kien jahdem qabel u dan ma' Network Publications Ltd. Qal li hemmhekk kien isir xoghol simili ghal tas-Socjeta' ntimata u kienu kompetituri fis-suq.
Qal li meta l-Appellanti kienet telqet minn fejn kien jahdem hu u marret ma' Effective Marketing, huwa kien ikunntatjaha sabiex jispekula jekk kienx hemm cans li terga' lura maghhom. Qal li darba tkellem maghha flimkien ma' persuni ohra dwar dan u fid-diskussjoni ssemmiet il-possibilita' li x-xoghol tal-Malta Maritime Directory li kienet taghmel Effective Marketing kien jghaddi ghandhom. Ix-xhud kompla li din il-haga fil-fatt ma sehhet qatt.
Dwar il-kaz tal-Madliena Cottage x-xhud qal li huwa kien iccekkja maghhom u dawn kienu qalulu li l-hlas kien sar u kienu baghtulu *invoice* li fuqha kien hemm indikat *paid* u firma li ghalih kienet il-firma ta' l-Appellanti. Qal li kienet kelmitu persuna bl-isem ta' Mandy u din kienet qaltlu li l-persuna li kienet gabret il-flus kienet iffirmat l-*invoice.*

**Margaret Brincat** l-Appellanti xehdet b'mod estensiv fuq firxa ta'diversi seduti u anke permezz ta' affidavit elaborat u li fih irribattiet il-kontenut ta' affidavit li kien ipprezenta Jason Attard.
Hija bdiet li hi u l-gharus taghha kienu ltaqghu l-ewwel darba ma' Jason Attard il-*Managing Director* tas-Socjeta' ntimata f'Ottubru 2011 waqt attivita pubblicitarja, fejn huwa kien offrielu li jahdem mall-kumpanija tieghu bhala *Sales Manager*, dan wara li sar jaf li hu u hi ma kienux ghadhom jahdmu man-Network Publications. Ix-xhud kompliet li f'dak il-mument l-gharus taghha qal lil Attard sabiex dan il-*job* joffrih lilha u hekk gara. Qalet li dan sar filwaqt li Attard kien qalilha li kien sema' bil-kapacitajiet fix-xoghol taghha ma' Network Publications u ma' Lighthouse. Hija qalet li qabel accettat hija kellmitu dwar kundizzjonijiet tax-xoghol li hija xtaqet. Ix-xhud qalet li dwar dan regghu ltaqghu wara u kompliet li l-aktar li ghamlet emfasi kien li hija riedet 20% *commission* u paga tajba.

Spjegat li bazikament kienu l-istess kundizzjonijiet li hija kellha ma' min kienet qed tahdem xi gimghatejn qabel u cjoe man-Network, li hija kienet damet tahdem maghhom tlett snin u nofs. F'dan il-kuntest ix-xhud infurmat li hija regghet qed tahdem man-Network.

Ix-xhud sostniet li l-accettazzjoni taghha li tahdem mas-Socjeta' ntimata kienet li jkollha kuntratt bil-miktub, li hija tahdem *full-time* bhala *Sales Manager* u l-gharus taghha bhala *Freelance Editor/Consultant/Marketing Advisor.* Ix-xhud kompliet li Attard kien poggielha €5000 bhala *target sales* fix-xahar. Ix-xhud qalet li hija kienet taf li s-Socjeta' ntimata kienet tippubblika l-*magazine* Executive Business Journal.
Hija qalet li dwar dawn l-*issues* generali fir-rigward ta' l-impjieg taghha iltaqghet ma' Attard xi erba' / hames darbiet fejn anke kienet ghaddietlu diversi suggerimenti ta' tibdil li xtaqet taghmel hi fil-*magazine.* Ix-xhud kompliet li Attard kien qalilha li hija tista' taqbad tahdem f'Jannar 2012, pero hija ma' accettatx ghaliex xtaqet tibda qabel, fil-fatt qabdet tahdem fis-17 t'Ottubru, 2011. Ix-xhud qalet li kemm f'Novembru u anke Dicembru 2011 hija kienet qabzet is-*sales targets* ta' €5000. Dwar il-hinijiet li hija kellha tahdem, ix-xhud qalet li kienu ftehmu li tibda fit-08.30 sal-17.00, b'certa flessibilita minhabba n-natura tax-xoghol. Qalet li peress li kienet *Manager* ma kienetx ser tithallas ta' l-*overtime.*
Ix-xhud qalet li fil-5 t'Ottubru, 2011, qabel qabdet tahdem mas-Socjeta' ntimata hija kienet ghaddiet *Sales Plan* permezz ta' *E-mail* lil Atard fejn din kienet tinkludi r-rati tal-paga u l-*commissions, targets, job proposal, target audience.*
Ix-xhud qalet li gew skambjati diversi abbozzi tal-kuntratt fejn wara ghaddiet sabiex tispjega dettalji ta' kif wasal li f'Marzu 2012 hija nghatat kuntratt tax-xoghol miktub u li kien jinkludi klawsola dwar id-dritt li l-*employer* ikollu ghall-access tal-posta elettronika minkejja li hija kienet oggezzjonat ghalija. Ix-xhud sahqet li Attard kien qalilha li dik il-klawsola kien riedha sabiex ikollu kontroll fuq l-*E-mails* tax-xoghol. Ix-xhud qalet li l-kuntratt kien gie ffirmat wara tali spjegazzjoni.
Ix-xhud spjegat li wara xi xahrejn / tlett xhur li kienet ilha tahdem ma' Attard, l-atteggjament tieghu nbidel fejn hassitu li beda jindahlilha wisq fil-qadi ta' dmirijietha u ma kienx jitollera lil min kien imerih, fejn kien jirrikorri ghall-ghajjat. Hija tat ezempji ta' dak li hija kkunsidrat bhala ndhil fejn semmiet li huwa kien jikkuntatja klijenti li hija tkun diga' ghamlet appuntament sabiex tiltaqa' maghhom.

Ix-xhud sostniet li dwar dan hija gieli lmentat ma' Attard peress li l-klijenti ma kienux jiehdu pjacir. Spjegat kif drabi kien ikollha certi diffikultajiet sabiex tibda xoghol fit-8.30 ghaliex l-ufficcju kien ikun ghadu maghluq.
Ix-xhud wara ghaddiet sabiex taghti dettalji tas-*sales* li ghamlet matul ix-xhur, fejn indikat li qabzet it-*target* ta' €5000 fix-xahar.

Ix-xhud spjegat diffikultajiet li hija kienet tiffaccja sabiex taccessa l-kompjuter taghha peress li Attard kien spiss ibbiddlilha minghajr raguni l-*password* sabiex tidhol fl-Outlook.
Ix-xhud spjegat ukoll diffikultajiet li kienet tiffaccja mall-klijenti peress li l-magazin gieli gie ppubblikat tard. Spjegat kif minkejja diffikultajiet li kien joholqilha Jason Attard fil-qadi ta' dmirijietha hija xorta wahda stinkat sabiex tgholli l-livell tal-magazin li kienet tippublika l-kumpanija.
Dwar l-atteggament ta' Attard fuq il-post tax-xoghol spjegat li dan kien spiss ikollu xi jghid ma' Tancred Manfre u kien jghajjat maghha specjalment meta kien ikollu xi argument ma' xi klijent jew meta ma taqbilx mieghu fuq xi materja tax-xoghol. Ix-xhud qalet li dan l-atteggament negattiv aktar iggrava wara li f'Marzu kienet iffirmat il-kuntratt tax-xoghol.
Mistoqsija mit-Tribunal jekk hija qattx kellmet lil Jason Attard dwar din l-attitudni, ix-xhud wiegbet li dan jew ma kienx jirrispondiha jew kien jidhak biha jew jirrispondi '*..I'm the boss.*'
Ix-xhud kompliet li Jason Attard kien anke xi drabi jinsisti li hija taghmel xoghol li fil-fehma taghha kien kontra l-ligi u meta kienet tirrezisti, skont ix-xhud dan kien iwiegeb li hu kien il-*boss*.
Ix-xhud stqarret li l-attitudni negattiva ta' Attard lejha beda meta huwa beda jaqa' lura fil-hlas taghha tal-*commissions*, fejn hi spiss kienet tigbidlu l-attenzjoni dwar hlas dovut lilha. Dan kien xi tlett xhur qabel gie fi tmiemu l-impjieg taghha minn mall-kumpanija stqarret ix-xhud. Ix-xhud stqarret li fil-bidu ma kienx ikun hemm problemi dwar il-hlas tal-*commission*, pero' meta verbalment huwa kien waqqafha biex ma tkomplix tigbor il-hlasijiet tad-depozitu bdew il-problemi. Dan ghaliex kompliet ix-xhud , '…huwa waqa' lura milli jhallasni tali *commission* bir-rizultat li dawn bdew jakkumulaw'. F'dan il-kuntest ix-xhud insistiet li l-ftehim dwar il-*commission* kien li hija tiehu l-20% dovuti lilha malli jkun imhallas id-depozitu. Ix-xhud stqarret li minkejja d-direttiva li kienet inghatat xorta wahda kien hemm drabi fejn hija gabret id-depozitu li ukoll kien ta' 20%.
Ix-xhud qalet li meta Manfre kien talabha kemm kienet hadet *leave* hija kienet stqasiet impjegati ohra jekk gewx mitluba jaghtu din l-informazzjoni u dawn wiegbu fin-negattiv.

Fir-rigward ta' l-allegazzjoni maghmula minn Jason Attard fil-konfront taghha li hija kienet ghamlet sabuttaggi lill-kumpanija hija cahdet dan kollu.
Spjegat li dwar l-uzu tal-*Gmail* taghha fil-qadi ta' dmirijieta u dan meta l-Outlook tax-xoghol ma kienx jiffunzjona. Dwar dan ix-xhud stqarret li kien ikun l-istess Attard li kien jikkomumika maghha fuq dan il-*medium*.

Dwar l-uzu tal-Facebook waqt il-hin tax-xoghol, ix-xhud qalet li gieli kienet tuzah sabiex taghmel kuntatt mall-klijenti u gieli iccattjat ma' xi hbieb. Pero' qalet li hija qatt ma kellha xi restrizzjoini dwar l-uzu tieghu, u dan ghaliex it-*target* tax-xoghol dejjem kienet tilhqu.
Ix-xhud spjegat fid-dettall tal-incident meta Jason Attard kien ordnala tohrog bil-*leave*. Hija qalet li dakinhar hija kellha konversazzjoni mieghu dwar il-hlas tal-*commission*. Qalet li wara nofs in-nhar kien cemplilha l-*partner* taghha sabiex ittih xi karti li kienu maqfulin fil-karozza taghha. Kif appena harget mill-ufficcju kien mar jigri fuqha Jason Attard u beda jakkuzaha li hija kienet serqet xi karti tal-kumpanija u ghaddiethom lil dan il-*partner* taghha. Ix-xhud qalet li hija kienet spjegat li ma kienet ghaddiet l-ebda karti tal-kumpanija izda kien kollu ghalxejn ghaliex fost certa rabbja ordnala tohrog bil-*leave*.
Ix-xhud spjegat kif waqt li kienet bil-*leave,* spiss kienet tibghatlu messaggi bl-*sms* sabiex tar kif ha tibqa'. Kompliet li wara tnax il-gurnata minn meta kienet ordnata tohrog bil-*leave*, irceviet ittra minghand Attard fejn infurmaha bit-tmiem ta' l-impjieg taghha. Ix-xhud qalet li gimgha qabel ma bdiet il-*leave*, Jason Attard kien bghatilha *sms* fejn kien esprima ruhu li kien kuntent hafna biha. Hija spjegat li qabel ma nharget bil-*leave* hija halliet kollox iffajljat u sistematizzat.
Ix-xhud stqarret li qabel din l-esperjenza ta' xoghol ma' Attard hija kienet iltaqghet darba wahda biss mieghu fuq xoghol ta' *advertising* ta' klijent li hija kellha u dan kien xi sena qabel qabdet tahdem mieghu.
Ix-xhud sostniet li kemm damet tahdem ma' Attard kien hemm zieda sistematika kull xahar fis-*sales*.

**Paul Costa** xehed li huwa impjegat mad-DIER bhala skrivan. Huwa qal li fit-18 ta' Lulju, 2012, l-Appellanti kienet marret l-ufficcju sabiex ticcekkja dwar xi hlasijiet dovuti lilha minghand il-kumpanija li kienet tahdem maghha li kienet l-Effective Marketing Ltd. Dawn kienu jinvolvu paga, bonus u *weekly allowance*.
Ix-xhud kompla li fil-kaz taghha bhala mpjegata manigerjali il-*probation period* kien ta'sena. Ix-xhud kompla li meta hija staqsithu dwar kumpens ghaliex kellha l-impjieg mitmum, huwa kien ta' parir sabiex tiehu l-kaz taghha quddiem it-Tribunal Industrjali.
Ix-xhud kompla li huwa kien rega' ltaqa maghha fl-1tAwwissu, 2012, fejn fuq talba taghha kien ikkuntatja lill-*Employer* Jason Attard dwar meta kien ser isir il-hlas dovut. Ix-Xhud qal li Attard kien wiegbu li huma kienu ser ihallsu l-ammont kif mitlub mill-avukat tal-Appellanti u dan kien ser isir billi jintbghat cekk mill-avukat tal-kumpanija lill-avukat tal-Appellanti.

Ix-xhud qal li l-ammont imhallas ghajr xi diskrepanza zghira kien kif ikkalkulat mid-DIER.

**Martin Vella** xehed li huwa ilu jaf lill-Appellanti ghal aktar minn disgha snin. Spjega li huma johorgu flimkien u li hi '*my partner in life'*. Lil Jason Attard sar jafu sa minn 2008/9 meta huwa kien jahdem mad-Dolphin Industrial Group. Ix-xhud spjega li huwa u l-Appellanti kienu ltaqghu ma' Jason Attard cirka Ottubru 2011waqt il-*launch* tal-BMW. Ix-xhud qal li dakinhar huma kienu nfurmaw lil Attard li f'dak il-mument ma kienux impjegati. Ix-xhud qal li f'dak il-mument Attard kien infurmah li huwa kien qed ifittex lil xi hadd biex jingaggah bhala *Sales & Publications Manager.* Ix-xhud qal li minnufih Attard kien offrielhu biex jibda jahdem mieghu, izda huwa rrifjuta, u minflok irreferielhu lill-Appellanti sabiex jimpjegaha bhala *Sales Manager* u ssugerielu li hu u hi jahdmu bhala *team* ghar-rivista *Executive.* ix-xhud qal li Attard kien accetta din il-proposta. Ix-xhud qal li dwar dan is-suggett iltaqghu xi hames darbiet ohra jiddiskutu '*a form of agreement'*, u dan sakemm waslu ghal termini accettabbli kemm fir-rigward tieghu u anke tal-Appellanti, fejn Attard kien talbu sabiex jaghmel kollox bil-miktub, halli x-xoghol jinbeda b'mod immedjat. Ix-xhud qal li l-kundizzjonijiet bil-miktub kien ghamilhom fil-5 t'Ottubru, 2011.
Ix-xhud qal li lill-Appellanti, Attard kien jiddeskriviha bhala c-*Champion* tas-*Sales* ta' Malta.
Ix-xhud wara ghadda sabiex ta rendikont estensiv ta' xoghol ghall-kumpanija li huwa qal li saru minnu u mill-Appellanti. Ix-xhud wara rrefera ghal xi lmenti li l-Appellanti kellha fix-xoghol taghha bhal qtugh ta' dawl u indhil fit-telefonati ma' klijenti u *meetings* li kienet tirranga hi ma' klijenti u wara ssib li Attard kien ikun prezenti wkoll. Ta' deskrizzjoni ta' ncident li l-Appellanti kellha ma' Attard, li pero' kien jirrigwardja lilu dwar '*plagiarism*'.
Qal li dakinhar Attard beda jghajjat ma' l-Appellanti u jsabbat saqajh u qalilha sabiex titlaq il-barra. Huwa qal li hu u l-Appellanti kienu jahdmu fl-istess kamra *desk* ma' *desk.*

Wara, x-xhud spjega kif l-Appellanti kienet intrigata bhala parti minn xoghol li tigbor hlasijiet bhala depoziti fuq xoghol u li wara dan id-dover tnehhielha u beda jaghmlu Attard. F'dan il-kuntest huwa ghamel referenza ghal-kaz tal-Madliena Cottage. Ix-xhud stqarr li l-hlas dovut ta' €180, kien gabru hu, u wara ghaddieh '*cash*' lil Attard. Ix-xhud wara ta' dettalji dwar meta l-Logics Communications li kienu l-agenti tal-APS Bank kellhom xi ilmenti dwar xi xoghol li kellu johrog u li hareg tard, liema xoghol kienet inkarigata minnu

l-Appellanti. Huwa qal li minn din li storja gie skopert li Attard ried jelimina l-*input* tal-Appellanti minn certu xoghol.
Dwar is-Sur Manfre, x-xhud qal li dan kien wissa lilu u lill-Appellanti sabiex joqghodu attenti minn Attard ghaliex dan kien jissema t-telefonati u li kien jidhol fl-*E-mails* ta' haddiehor.
Ix-xhud qal li nhar it-22ta' Gunju, 2012, (meta huwa kien diga' spicca jahdem ghal Attard), huwa kien mar jigbor xi dokumenti minghand l-Appellanti. Kompla li huwa kien cemplilha sabiex tinzel barra mill-post tax-xoghol. Ix-xhud kompla li Attard mexa warajha u malli wasal hdejhom beda jinsinwa b'ghajjat li kienu serqulu xi dokumenti, mentri dak li kellhom kienu jirrelataw ma' xoghol privat tieghu (tax-xhud). Ix-xhud kompla li dak il-hin Attard kien heddu li jekk kien ser ikompli jinsisti fuq il-flus li kellu jiehu kien ser ipattiha lill-Appellanti billi jkeccija mix-xoghol. Ix-xhud qal li wara dan l-incident l-Appellanti kienet tghidlu li Attard kien beda jaqbad maghha.

**John A. Richards** xehed li huwa Principal fid-Direttorat tal-Industrial Property Registration fejn xoghlu propja huwa ta' Trademark Examiner. B'referenza ghall-Malta Martime Directory ix-xhud qal li t-trademark forma ta' *logo* hija taht IMNG Limited bin-numru tar-registrazzjoni 51540 MMD. Spjega li tali trademark hija protetta taht Klassi 16. Ix-xhud kompla li l-applikazzjoni fiha l-firma ta' Jason Attard.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Dr. Henry Antoncich** ghan-nom tal-Appellanti ta' d-dettalji saljenti fil-kuntratt tax-xoghol li l-Appellanti kellha mas-Socjeta' ntimata fejn jidhlu hlasijiet tas-salarju mensili u l-perkacci. Huwa spjega li dan kien kuntratt ta' xoghol ghal perjodu definit ta' sena u li ge mwaqqaf mis-Socjeta' tlett xhur qabel l-iskadenza tieghu.
Dr. Antoncich ghamel accenn partikolari fuq wiehed mid-doveri meqjus bhala mportanti li kellha l-Appellanti u cjoe dak tas-Sales tar-reklami li kellhom jidhru fil-*magazine* 'The Executive' fejn accenna li tant dan kien meqjus bhala importanti mis-Socjeta' ntimata li lill-Appellanti iffissat '*target sales*' ta' €5000 fix-xahar, bi hlas ta' 20% kummissjoni lill-Appellanti jekk tali tragward jintlahaq. Huwa sostna li tali *'targets'* dejjem inqabzu mill-Appellanti fix-xhur li hija damet tahdem mas-Socjeta' ntimata. Huwa ta' wkoll elenku ta' doveri ohra mwettqa minnha b'mod posittiv.
Dr. Antoncich wara ghadda sabiex ta' deskrizzjoni dettaljata ta' episodji mwettqa mid-Direttur u li skond hu kienu r-ragunijiet principali tar-rottura tar-relazzjonijiet mall-Appellanti.

Dr. Antoncich sahaq li r-ragunijiet migjuba mis-Socjeta' ntimata u li ghalihom qed jinghad li kien gust li jintemm l-impjieg, gew kollha michuda mill-Appellanti u ddeskrivihom bhala ripensament u parti mill-pjanijiet tal-kumpanija biex jiggustifikaw it-tkeccija.

**Dr. Joseph A. Schembri** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata sahaq li s-Socjeta' temmet l-impjieg tal-Appellanti ghal ragunijiet gusti. Huwa nsista li matul dan il-process, l-Appellanti kellha hi tipprova li tkecciet b'mod ingust u mhux is-Socjeta'. Xi haga li skond Dr. Schembri hija naqset mili taghmel.
Dr. Schembri tenna li s-Socjeta' ntimata ma kellhiex ghalfejn tkecci b'mod kapriccus lill-Appellanti galadarba din kienet qed tqallghha l-flus. Izda dan sehh kompla l-Avukat, ghaliex l-Appellanti ma ottempratx ruhha mad-direzzjoni li kien jaghtija Jason Attard bhala Direttur tas-Socjeta', u dan b'tali kompla, b'kollaborazzjoni tal-mahbub taghha Martin Vella. Dr. Schembri rrelata diversi ezempji ta'dan u li wasslu lid-Direttur Attard li jirrealizza li l-Appellanti ma setghetx tibqa' tahdem mas-Socjeta' ntimata.

- **Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Dan il-kaz jinkwadra zewg temi.

Wahda li kienet tittratta sitwazzjoni ta' terminazzjoni ta' kuntratt definit t'impjieg, fejn is-Socjeta' ntimata sostniet li dan sehh minhabba numru ta' allegati nuqqasijiet li attribwithom lill-Appellanti u li kienu jmorru kontra klawsoli tal-kuntratt tax-xoghol relatati ma' kif kellhom jigu kondotti d-doveri tal-Appellanti.

U fejn mill-banda l-ohra, l-Appellanti, apparti li rribattiet l-allegati nuqqasijiet, tat dettalji ta' allegati atteggamenti strambi da parti tad-Direttur Jason Attard li kienu jxekkluha fil-qadi ta' dmirijieta.

Bit-tema l-ohra tkun dwar kummissjonijiet ta' *sales* ta' reklamar prenotati sa' Frar 2013, li l-Appellanti lahqet ghamlet ghas-Socjeta' ntimata u li taghhom ghadha ma thallsitx.

Fir-rigward tat-terminazzjoni tal-impjieg, dan it-Tribunal irid jiddeciedi jekk l-impjieg tal-Appellanti kienx gie terminat minghajr raguni tajba u bizzejjed skond il-ligi.

Mid-dettalji li hargu matul dan il-process u anke mill-komportament li l-partijiet urew lejn xulxin waqt is-seduti, huwa car ghal dan it-Tribunal, li l-esperjenza ta' xoghol ittrattata kienet wahda ta' disgwid kontinwu bejn

zewg persuni li jifmhu li dak li jghidu u li jaghmlu huma biss, huwa tajjeb. It-Tribunal jidhirlu li tali disgwid kien kagun ta' differenzi nkonciljabbli fil-karattri tal-persuni koncernati u l-atteggament li kienu jaddottaw lejn xulxin. L-involviment dirett jew indirett ta' terzi fl-argumentar li kien jinqala' certament li kompla kkontamina din ir-relazzjoni lavorattiva.

Mix-xhieda u mid-dokumentazzjoni provduta, fil-waqt li feggew episodji ta' atteggamenti xejn kumplimentuzi bejn l-Appellanti u d-Direttur Jason Attard u li minhabba fihom din ir-relazzjoni kienet difficli li tipprospera, ma jirrizultax li kien hemm nuqqasijiet tant serji da parti tal-Appellanti li kienu jimmeritaw il-kastig estrem ta' tkeccija.

Dan fl-ambitu li ghal dan it-Tribunal, tkeccija mix-xoghol bhala mizura dixxiplinarja hija meqjusa bhala l-piena kapitali, u fejn allura ghal nuqqasijiet mhux daqstant serji anke kieku gew ippruvati, seta' nghata kastig anqas ahrax.

Fid-dawl ta' din il-konkluzjoni, dan it-Tribunal iqis li din it-terminazzjoni hija waqfien prematur ta' kuntratt definit t'impjieg da parti tas-Socjeta' ntimata.

Fir-rigward tal-kummissjonijiet fuq '*sales*' ta' reklamar, l-argumenti mqajjma ma kienux dwar jekk tali beneficcju kienx jaghmel parti mill-kundizzjonijiet tax-xoghol, izda meta l-Appellanti kellha tircievi tali hlas. U cjoe jekk mhux malli ssir il-prenotazzjoni tar-reklam jew meta min ikun ordna r-reklam attwalment ikun hallas tax-xoghol li jkun sarlu.

Fid-deliberazzjoni tieghu fuq dan il-punt, it-Tribunal fela bir-reqqa dovuta l-kuntratt tax-xoghol iffirmat bejn il-partijiet u propju Klawsola 9 paragrafi 4/5/6 ta' l-istess kuntratt. It-Tribunal qies ukoll il-fatt li ghal numru ta' xhur tali kummissjonijiet kienu jithallsu minghajr argumenti.

Fil-fehma tat-Tribunal, il-kuntratt tax-xoghol jidderiegi b'mod car kif kellu jsir tali hlas u cjoe li dan isir mad-depozitu li jithallas mall-prenotazzjoni, tant li paragrafu 6 tal-Klawsola riferuta fuq, sahansidra jindika li meta d-depozitu ma jkunx jidher li ser jingabar b'mod immedjat tali hlas isir appena l-klijent ihallasu.

Fil-konsiderazzjoni ta' dan, dan it-Tribunal isib li kien hemm nuqqas min-naha tas-Socjeta' ntimata li ma hallsitx lill-Appellanti l-kummissjonijiet dovuti lilha skond ix-xoghol li ghamlet.

- **Decizjoni**

Tenut kont tal-fatti kollha tal-kaz kif gew esposti f'dan il-process, it-Tribunal huwa tal-fehma li fir-rigward tat-terminazzjoni mill-impjieg, tali tkeccija kienet ingusta u abbuziva. Fejn allura skond Kap 452 Art 36 (11) tal-Ligijiet ta' Malta fejn tittratta terminazzjoni prematura t'impjieg b'kuntratt definit, s-Socjeta' trid thallas lill-Appellanti nofs is-salarju ghat-tlett xhur li kien baqa' fit-terminu tal-kuntratt tax-xoghol. Tali hlas jammonta ghal €2,250.

Fir-rigward tal-hlas tal-kummissjonijiet, l-Appellanti kienet esebit dokumentazzjoni dettaljata dwar l-ammont ta' xoghol li kien sar minnha u li ma kienetx thallset il-kummissjoni ta' 20% fuqu. Tajjeb jinghad li s-Socjeta' ntimata fl-ebda stadju ta' dan il-process ma kkonfutat dawn l-ammonti. F'dan il-kuntest s-Socjeta' ntimata trid thallas lill-Appellanti tali kummissjonijiet li jammontaw €7,723.35.

Il-hlas taz-zewg ammonti u li flimkien jghoddu €9,973.35 irid isir fi zmien sitt gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**